**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 26 ta' April, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 1110/2012 AF**

**Anici Band and Social Club**

**vs**

**Ghaqda Muzikali San Gorg Martri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi Anici Band and Social Club, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-partijiet li huma zewg baned f'Hal Qormi kienu rregolaw il-muzika tal-kazini taghhom permezz ta' kuntratt tad-dsatax ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u disa' u disghin (19/06/1999), in atti Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel [Ara Dok. "A" hawn unit].

Skond l-imsemmi kuntratt il-partijiet kienu obbligaw ruhhom li "jaghtu lil xulxin l-ismijiet tal-marci (flimkien mal-isem originali tal-marc jekk dana ma jkunx wiehed gdid) bil-kompozitur taghhom li huma jkunu sejrin jinkludu fil-libretti godda ta'

marci li l-istess baned johorgu alternattivament kull sentejn. Dan ghandu jsir mill-anqas xahar qabel ma l-Banda taghmel ir-recording tal-istess sett ta' marci. Il-Banda li ma tkunx qeghda tirrikordja dik is-sena jkollha hmistax-il jum sabiex tkun tista' toggezzjona ghal xi marc li jkun sejjer jigi inkluz fl-imsemmi librett il-gdid" [Ara Klawsola 4 tad-Dok. "A"].

Is-socjetà esponenti, li kien imissha taghmel il-librett ta' marci brijuzi gdid, baghtet fis-sitta u ghoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (26/03/2012), u cioè xahar qabel ir-recording relattiv, Avviz permezz ta' ittra registrata AR bil-lista ta' dawk il-marci li kienu ser jinkludu fil-librett il-gdid taghhom [Ara. Dok. "B" hawn unit].

Dina l-ittra registrata waslet ghand is-socjetà intimata fis-sebgha u ghoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (27/03/2012) [Ara Riferta tal-Posta Dok. "C" hawn unit] ghal liema s-socjetà intimata naqset li toggezzjona fi zmien hmistax-il gurnata minn notifika ta' tali Avviz.

Nonostante li s-socjetà intimata kissret il-kuntratt fuq imsemmi daqqet il-marc "*Cuore d'Argento*" f'almenu zewg okkazzjonijiet, u cioè fil-Festa tar-Rebbiegha u cioè fit-22 ta' April 2012, u fil-Festa ta' San Gorg u cioè fit-23 ta' April 2012. Prova ta dan hemm ir-*recordings* relattivi.

Skond l-imsemmi kuntratt tad-19 ta' Gunju 1999 il-partijiet kienu wkoll ftehmu illi "fil-kaz li xi wahda miz-zewg baned tikser dan il-ftehim hija tkun obbligata li thallas bhala penali s-somma ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) [ekwivalenti ghal €1,164.69c] liema somma tinghata lill-Banda l-ohra".

Id-dikjarant George Farrugia jiddikjara li jaf b'dawn il-fatti personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-socjetà intimata naqset li toggezzjona tempestivament ghal xi wiehed mill-marci msemmija fl-Avviz tas-26 ta' Marzu 2012 (Dok. "B" hawn unit) u ghalhekk is-socjetà esponenti ma ghandha l-ebda dritt

iddoqq xi wiehed minn dawk il-marci hemm imsemmija.

2. Tiddikjara li s-socjetà intimata kissret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt meta daqqet il-marc "*Cuore d'Argento*" tal-Kompozitur Andrew Coleiro, liema marc kien inkluz fl-imsemmi Avviz tas-26 ta' Marzu 2012 u ghalhekk giet li esponiet lilha nnifisha ghall-hlas tal-penali skond il-kuntratt (Dok. "A" hawn unit).

3. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallasha s-somma ta' €1,164.69c bhala penali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-2 ta' Mejju 2012 kontra s-socjetà ntimata li r-rapprezentanti taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta Ghaqda Muzikali San Gorg Martri li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament dina l-kawza ma taqax fil-kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tenut kont li l-ammont li qieghed jigi pretiz huwa wiehed determinat u huwa ferm anqas mill-kompetenza taghha u ghalhekk ma ghandhiex tiehu konjizzjoni tal-mertu tal-kawza u ghandha tichad it-talbiet kollha kif maghmula u dan bl-ispejjez kontra l-istess socjetà rikorrenti.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu li l-Ghaqda intimata giet notifikata fid-data li hemm indikat fir-rikors guramentat tar-rikorrenti u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.

Dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li digà nghad, l-Ghaqda intimata oggezzjonat ghall-lista tal-marci brijuzi godda skond kif hemm stipulat fil-kuntratt citat fir-rikors guramentat.

L-Ghaqda intimata, dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li nghad precedentement, ottemporat ruhha mal-kuntratt u daqqet marc li huwa proprjetà taghha u dan skond ma hemm stipulat fil-kuntratt citat mir-rikorrenti.

L-Ghaqda intimata ma ghandhiex tigi kkundannata ebda hlas ta' xi ammont ta' flus ghaliex ma kien hemm ebda ksur tal-kuntratt imsemmi mis-socjetà rikorrenti da parti tal-istess socjetà intimata.

Ghalhekk it-talbiet kollha tas-socjetà rikorrenti ghandhom jigu michuda u dan bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjetà rikorrenti.

Dan kollu b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjetà intimata.

Rat illi permezz ta' sentenza datata 14 ta' Frar 2017, din il-Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u a tenur tal-proviso tal-artikolu 741(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat illi l-atti tal-kawża jintbagħtu lill-Qorti tal-Maġistrati.

Rat illi permezz ta' digriet kamerali li ma ngħatax data, il-Qorti tal-Maġistrati, a tenur tas-setgħat mogħtija lilha bis-saħħa tal-artikolu 741(b) tal-Kap. 12, bagħtet l-atti tal-kawża lill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) sabiex tiddeċiedi hi dwar liema Qorti għandha kompetenza tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża.

Rat illi permezz ta' digriet datat 28 ta' Marzu 2017, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) sabet illi hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li għandha l-kompetenza sabiex tisma' u tiddeċiedi din il-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, is-soċjetà attriċi qiegħda tixli lis-soċjetà konvenuta bi ksur ta' obbligi kuntrattwali. Konsegwentement, qiegħda titlob ħlas ta' penali fl-ammont ta' €1,164.49 kif ukoll dikjarazzjoni li l-konvenuta

m'għandha l-ebda dritt iddoqq il-marċi indikati fl-avviż illi bagħtet l-attriċi datat 26 ta' Marzu 2012.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-partijiet huma ż-żewġ każini tal-banda ta' Ħal-Qormi. Fid-19 ta' Ġunju 1999 huma rregolaw ir-relazzjoni ta' bejniethom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Gerald Spiteri Maempel. F'dan il-kuntratt ġie miftiehem inter alia li:

> *"1. Il-Banda Anici tobbliga ruħha li fl-ebda ċirkostanza ma għandha ddoqq, kemm fil-Ġżejjer Maltin kif ukoll fi żjarat li hija tagħmel barra minn Malta, il-marċi brijużi elenkati fl-anness Dokument "A".*
>
> *...*
>
> *2. Il-Banda San Ġorġ tobbliga ruħha li fl-ebda ċirkostanza ma għandha ddoqq, kemm fil-Gżejjer Maltin kif ukoll fi żjarat li hija tagħmel barra minn Malta, il-marċi brijużi elenkati fl-anness Dokument "B".*
>
> *...*
>
> *3. Iż-żewġ baned għandhom id-dritt li jdoqqu meta u fejn iridu il-marċi brijużi elenkati fl-anness Dokument "C".*
>
> *4. Is-soċjetajiet jobbligaw ruħhom li jagħtu lil xulxin l-ismijiet tal-marċi (flimkien ma' l-isem oriġinali tal-marċ jekk dana ma jkunx wieħed ġdid) bil-kompożitur tagħhom li huma jkunu sejrin jinkludu fil-libretti ġodda ta' marċi li l-istess baned joħorġu alternattivament kull sentejn. Dan għandu jsir mill-anqas xahar qabel ma il-banda tagħmel ir-recording tal-istess sett ta' marċi.*
>
> *Il-Banda li ma tkunx qiegħda tirrikordja dik is-sena jkollha ħmistax-il jum sabiex tkun tista' toġġezzjona għal xi marċ li jkun sejjer jiġi inkluż fl-imsemmi librett il-ġdid.*
>
> *Il-Banda Anici tobbliga ruħha li fil-libretti tagħha ma tinkludix marċi li jkunu ġew komposti qabel is-sena elf disa*

*mija sebgħa u tmenin (1987) pero' għal dawk il-marċi biss li jkunu jinsabu fl-arkivju tal-Banda San Ġorġ.*

*Marċi li inkitbu wara is-sena elf disa mija sebgħa u tmenin (1987) u li jiġu inklużi f'librett ta' waħda miż-żewġ baned ma jistgħu taħt l-ebda ċirkostanza jindaqqu mill-Banda l-oħra kemm hawn fil-Ġżejjer Maltin kif ukoll barra minn Malta.*

...

*Fil-każ li xi waħda miż-żewġ Baned tikser dana il-ftehim hija tkun obbligata li tħallas bħala penali s-somma ta' ħames mitt lira (Lm500), liema somma tingħata lill-Banda l-oħra."*

Fis-sena 2012 kien imissha l-attriċi li tirrekordja librett ġdid ta' marċi. Permezz ta' ittra reġistrata datata 26 ta' Marzu 2012, hija bagħtet tinforma lis-soċjetà konvenuta liema kienu dawk il-marċi li kienet ser tinkludi fl-imsemmi librett. Minkejja li l-konvenuta kellha ftehim mas-soċjetà Maltapost plc sabiex ittri reġistrati ma jiġux konsenjati lil ħadd ħlief lill-president jew lis-segretarju tal-*club*, dakinhar li waslet l-ittra tas-26 ta' Marzu 2012, ikkonsenja l-ittra pustier ġdid li peress li ma kienx jaf b'dan il-ftehim, ħalla l-ittra mal-*barman* li dakinhar kien fil-post. Minħabba f'hekk, l-ittra damet ftit ġranet sakemm waslet f'idejn Patrick Brancaleone, is-segretarju tas-soċjetà konvenuta, b'dan illi għaddew numru ta' ġranet oħra sakemm seta' jiltaqa' l-kumitat sabiex jiddiskuti l-kontenut tal-ittra tal-banda attriċi. Permezz ta' ittra datata 10 ta' April 2012, is-soċjetà konvenuta bagħtet tinforma lill-attriċi li hija kienet qiegħda toġġezzjona biss għall-marċ '*Cuore d'Argento*' tas-Surmast Andrew Coleiro u dan peress illi l-konvenuta qalet li dan il-marċ kienet xtratu mingħand l-imsemmi surmast fl-2009.

Din l-ittra ta' oġġezzjoni waslet għand l-attriċi fit-13 ta' April 2012 u ċioè jumejn wara li skadew il-ħmistax-il ġurnata li fihom il-konvenuta kellha dritt toġġezzjona a tenur tal-ftehim tad-19 ta' Ġunju 1999. Għal din l-ittra ta' oġġezzjoni, l-attriċi ma weġbitx. Peress illi l-konvenuta tinsisti li dan il-marċ hija

xtratu mingħand is-surmast, indaqq mill-banda tagħha f'żewġ okkazjonijiet u ċioè fil-Festa tar-Rebbiegħa tat-22 ta' April 2012 kif ukoll l-għada 23 ta' April 2012 li kienet il-Festa ta' San Ġorġ. L-attriċi pproċediet billi intavolat din il-kawża.

Din il-Qorti m'għandhiex l-iċken dubju li l-kawża tal-lum hija motivata biss mill-pika qawwija li għandhom il-partijiet lejn xulxin. L-attriċi tikkontendi li peress li l-konvenuta naqset milli toġġezzjona tempestivament dwar l-inklużjoni tal-marċ '*Cuore d'Argento*' fil-librett li kienet ser tirrekordja, hija tilfet id-dritt li ddoqqu. Da parti tagħha, il-konvenuta tgħid illi hija kellha kull dritt li ddoqq dan il-marċ in kwantu li xtratu mingħand is-Surmast Andrew Coleiro. Hija tinsisti wkoll li ottemporat ruħha ma dak li hemm miktub fil-kuntratt.

In linea ta' prinċipju generali, kif intqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawża fl-ismijiet Charles Bartolo vs Joseph Muscat, deciza fil-12 ta' Diċembru 2009:

> "*...għandu jiġi notat illi meta teżisti skrittura jew kitba li turi x'kienet il-volontà negozjali tal-kontraenti dwar dak li ftehmu u l-modalità tiegħu, dik il-kitba b'dak il-ftehim għandha tiġi mantenuta billi mhux permissibbli li jingiebu provi kontra l-miktub, ħlief fil-każijiet speċjali għal-liema tirreferi d-duttrina legali u ġurisprudenza.*"

Fil-każ fl-ismijiet Malta International Airport p.l.c. vs Chev. Joseph M. Scicluna et noe, deciza fid-9 ta' Ottubru 2003, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

> "*Il-prinċipju pacta sunt servanda huwa wieħed applikat rigorosament mill-Qrati tagħna, u jekk ma tirriżultax xi ċirkustanza li, skond il-liġi, tista' twassal għat-tħassir tal-kuntratt, l-istess kuntratt irid jigi esegwit miż-żewġ naħat.*"

Biex wieħed jara sewwa x'inhi l-qagħda bejn iż-żewġ partijiet f'din il-kawża, irid jezamina l-kundizzjonijiet tal-ftehim li sar bejniethom. F'dan ir-rigward issir referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet Anthony Blackman et vs Nobbli Alexander Apap

Bologna deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu 1951 (Vol. XXXV.i.26):

> "*...meta l-kontraenti jinkorporaw il-ftehim ta' bejniethom fi skrittura, għandu jiġi preżunt li dak li riedu jiftehmu fuqu niżżluh f'dik l-iskrittura. Għalhekk ma għandux ikun leċitu li wieħed mill-kontraenti jdaħħal f'dak il-ftehim klawsoli oħra li mill-kitba ma jirriżultax.*"

Huwa principju ġenerali fl-interpretazzjoni tal-kuntratti dak stabbilit fl-artikolu 1002 tal-Kodiċi Civili u cioè li meta kliem ta' konvenzjoni meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni. Il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Morana vs Nutar Dr Joseph Spiteri et, deċiża fis-26 ta' Mejju 1952 spjegat illi ir-regola '*contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur*' mhijiex assoluta u ssofri certi eccezzjonijiet. Kompliet billi spjegat x'inhuma l-prinċipji li jirregolaw il-materja skont il-gurisprudenza:

1. *"Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom, għandu jiġi preżunt li dak li riedu jiftehmu fuqu niżżluh f'dik l-iskrittura. Għalhekk ma għandux ikun leċitu li wieħed mill-kontraenti jdaħħal f'dak il-ftehim klawsoli oħra li mill-kitba ma jirriżultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qegħdin ifissru jew jiċċaraw il-klawsoli prinċipali (Appell 31 ta' Mejju 1943, in re Farrugia vs Piscopo);*

2. *Għalkemm huwa veru li provi orali jistgħu jiġu ammessi biex jiġu deluċidati punti oħra oskuri ta' kitba, jew f'każi ta' impunjazzjoni ta' dik il-kitba, iżda l-provi orali mhumiex ammissibli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diġa ċar (Appell 26 ta' Mejju 1941, in re Attard vs Mamo);*

3. *Ir-regola li kontra l-prova miktuba ma tistax tiġi ammessa prova testimonjali mhix applikabbli meta l-prova tiġi offerta biex tiġi mfissra aħjar l-intenzjoni tal-kontraenti li tkun espressa b'mod ambigwu jew oskur; jew meta jrid jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju li jkun*

*konċiljabbli mal-att (App. 17 ta' Jannar 1917, in re Muscat vs Fiteni, Prim' Awla 27 ta' Jannar 1937, in re Mifsud vs Mifsud; u Appell 20 ta' Jannar 1930 in re Rizzo vs Anastasi);*

4. *Il-prinċipju "contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur" jibqa jseħħ sakemm il-Qorti ma tkunx persważa illi hemm żball fil-kuntratt, jew li tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali."*

L-ewwel talba attriċi hija għal dikjarazzjoni li s-soċjetà konvenuta naqset milli toġġezzjoni tempestivament għal xi wieħed mill-marċi msemmija fl-avviż tagħha datat 26 ta' Marzu 2012 u li konsegwenza ta' hekk, il-konvenuta ma kellhiex dritt iddoqq xi wieħed minn dawk il-marċi hemm imsemmija.

L-ewwel parti ta' din it-talba hija provata. Patrick Brancaleone, għan-nom tal-konvenuta, jgħid illi l-ittra ta' oġġezzjoni saret tard għaliex l-avviż tal-attrici wasal għandu madwar tlett ijiem wara li ġiet konsenjata mill-pustier. Fil-fehma tal-Qorti din ir-raguni mhijiex valida. L-ittra ta' oġġezzjoni hija datata 10 ta' April 2012 u ċioè entro t-terminu ta' ħmistax-il ġurnata minn meta l-konvenuta rċeviet l-avviż tal-attriċi. Il-konvenuta setgħet faċilment ħadet ħsieb li tibgħat lil xi ħadd personalment għand l-attriċi bl-ittra ta' oġġezzjoni minflok għażlet li tibgħatha bil-posta.

Permezz tat-tieni parti tal-ewwel talba tagħha, l-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti ssib illi konsegwenza tan-nuqqas tal-konvenuta li toġġezzjona tempestivament, hija tilfet kull dritt li ddoqq il-marċ mertu tal-kawża. L-attriċi tibbaża t-teżi tagħha fuq il-kuntratt tad-19 ta' Ġunju 1999. Il-Qorti fliet il-kuntratt in kwistjoni minn fejn jirriżulta li l-attriċi hija prekluża milli ddoqq dawk il-marċi elenkati fid-dokument anness mal-kuntratt u mmarkat bħala 'A' filwaqt illi l-konvenuta hija prekluża milli ddoqq dawk il-marċi elenkati fid-dokument anness mal-kuntratt u mmarkat bħala 'B'. Għar-rigward ta' dawk il-marċi elenkati fid-dokument anness u mmarkat bħala 'C', dawn jistgħu jindaqqu miż-żewġ baned. Il-marċ in kwistjoni mhuwiex elenkat fl-ebda wieħed minn dawn id-dokumenti. Il-kuntratt

jistipula wkoll illi l-ebda banda ma tista' ddoqq dawk il-marċi li jiġu inklużi fil-librett tal-banda l-oħra, imma dan limitatament fir-rigward ta' marċi li nkitbu wara s-sena 1987. Ma tressqet l-ebda prova li l-marċ *de quo* jaqa' taħt din il-kategorija.

Il-Qorti taqbel ma dak li jgħid Patrick Brancaleone fl-affidavit tiegħu. Minn imkien ma jirriżulta li nuqqas ta' oġġezzjoni ssarraf fil-projbizzjoni li jindaqq xi marċ, dment li dan il-marċ ma jkunx inkiteb wara s-sena 1987 u inkluż fil-librett tal-banda l-oħra jew elenkat f'wieħed mid-dokumenti annessi mal-kuntratt. Isegwi għalhekk illi l-ewwel talba mhijiex mistħoqqa.

Permezz tat-tieni u tielet talbiet tagħha, l-attriċi qiegħda titlob dikjarazzjoni ta' ksur tal-kuntratt u ħlas ta' penali a tenur tal-istess kuntratt. Dan peress illi l-konvenuta daqqet il-marċ '*Cuore d'Argento*' minkejja li kien inkluż fl-avviż tas-26 ta' Marzu 2012. Għall-istess raġunijiet, din il-Qorti ssib illi lanqas dawn it-talbiet ma huma mistħoqqa. Ladarba l-marċ mertu tal-kawża mhuwiex elenkat fl-ebda dokument anness mal-kuntratt u ma tressqux provi li dan inkiteb wara s-sena 1987, il-fatt waħdu li kien imsemmi fl-avviż li bagħtet l-attriċi ma kienx iżomm lill-konvenuta milli ddoqqu, zgur mhux a tenur tal-kuntratt tad-19 ta' Ġunju 1999.

Kuntrarjament għal dak li tgħid l-attriċi fis-sottomissjonijiet tagħha, dan ma jfissirx illi kull banda għandha dritt iddoqq il-marċi tal-banda l-oħra, għaliex dak li jista' u ma jistax jindaqq huwa regolat permezz tal-imsemmi kuntratt. Li kieku l-partijiet riedu li l-avviż li jibgħatu lill-banda l-oħra jservi ta' twissija sabiex il-marċi hemm imsemmija ma jindaqqux f'każ li ma ssirx oġġezzjoni, kienu jiktbu hekk fil-kuntratt.

Il-ftehim sar sabiex jirregola liema marċi jistgħu jindaqqu minn liema banda, u sabiex f'każ ta' dizgwid, qabel jiġi rekordjat il-librett, il-banda l-oħra jkollha dritt toġġezzjona għall-marċi li jkunu ser jiġu inklużi fil-librett. Bl-ebda mod ma jirriżulta li l-iskop tal-ftehim kien li xi banda tagħmel tagħha marċ partikolari sempliċiment għaliex ma tkunx irċeviet oġġezzjoni dwaru mingħand il-banda l-oħra.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-Qorti tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF

DEP/REG